MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2017

Rikors numru 1028/2016LM

**Kummissarju tat-Taxxi**

***vs.***

**Marten Erik Jansson (K.I. 67397A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mir-rikorrent il-**Kummissarju tat-Taxxi** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") fl-10 ta' Novembru, 2016, li jgħid kif ġej:

*Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra tas-16 ta' Marzu, 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;*

*Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex tiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja, ossija l-awtorità applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorità applikanti;*

*Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorità applikanti tal-Iżvezja fl-ammont ta' tletin elf, mija u tmienja u sittin Euro (€30,168), kif jidher mill-Istrumenti Uniformi li jippermettu Infurzar hawn annessi u mmarkati bħala Dok.'A'*[1]*, oltre interessi skont il-liġi.*

*Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti rilevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi, madankollu, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-imsemmija anness dokument f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u mmarkat bħala Dok.'B'*[2] *sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika tal-istess dokument.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B' jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok.'A', bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*

[1] *A fol.* 5 sa 7 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 sa 10 tal-proċess.

Rat l-atti kollha ta' din il-proċedura.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2016.

Rat ir-rikors datat 5 ta' Diċembru, 2016, fejn ir-rikorrent talab li ssir in-notifika tar-rikors promotur wara l-ħinijiet legali u fl-eventwali riferta negattiva, għal notifikazzjoni bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni u d-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Diċembru, 2016 fejn laqgħet it-talba.

Rat ir-riferta tan-notifika tar-rikors promotur bil-proċedura tal-affissjoni.[3]

Rat il-kopji tal-estratti tal-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Marzu, 2017 u tal-gazzetti lokali *Times of Malta* tal-15 ta' Marzu, 2017 u *The Malta Independent* tal-24 ta' Marzu, 2017.[4]

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April, 2017, fejn l-intimat **Marten Erik Jansson** (minn issa 'l quddiem "l-intimat"), għalkemm debitament notifikat ma ppreżenta ebda risposta entro t-terminu mogħti lilu u ma deherx lanqas għas-seduta u għalhekk ġie meqjus li hu kontumaċi. F'dik l-udjenza din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

[3] *A fol.*19 *retro*.
[4] Rispettivament *a fol.* 25 sa 27, 29 sa 30 u 28 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-proċedura hija talba għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar assistenza reċiproka fl-Unjoni Ewropea għall-irkupru ta' talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi u miżuri oħra[5], li ġiet implimentata fil-liġi ta' Malta permezz tal-Avviż Legali 153 tal-2012 (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.08).[6]

Din il-Qorti tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u tal-Avviż Legali 153 tal-2012.

---

[5] Ara P.A., **Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)** ***vs.*** **Gil Marc Schnabelin,** 27.02.14 u P.A., **Kummissarju tat-Taxxi** ***vs.*** **Yoranne Gael Gabriel Kerignard**, 23.05.2016.

[6] Is-sub-artikoli (1), (2) u (5) sa (8) tal-Artikolu 9 tal-Avviż Legali jistipula: "(1) Talba minn awtorità applikanti lil awtorità rikjesta għall-irkupru ta' talba li hija suġġetta għal strument li jippermetti infurzar fl-Istat Membru applikant, flimkien mal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar, għandha ssir fuq il-formoli *standard* previsti taħt ir-Raba' u l-Ħames Skeda rispettivament. (2) It-talba għall-irkupru tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mat-talba maħruġa fl-Istat Membru applikant...*Omissis...* (5) L-awtorità rikjesta, meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija. (6) Il-Qorti għandha tordna li kopja tal-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors. (7) Il-Qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument inkwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. (8) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm *record* u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta issir notifika ta' dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xi notifika bħal din.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi u tordna li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok. 'A', bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.**

**Bl-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura kontra l-intimat.**

Moqrija.